MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1173/2010

**Meander Company Limited (C-18411)**

**-vs-**

**Pacifico Bezzina**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

1. Illi fid-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija, ħamsa u disgħin (1995), l-intimat kien daħal f'konvenju sabiex jixtri mingħand Crane Hire ta' Kulis Limited il-garaxx, inkluża l-ġjardina retrostanti u attigwa miegħu, bla numru u bl-isem ta' 'Mount Carmel', fi Triq Nutar Emanuel Pio Debono, Naxxar (Dok A), ma' liema konvenju l-intimat Pacifico Bezzina kien ħa l-pussess ta' l-istess garaxx sakemm isir il-bejgħ u trasferiment finali.

2. Illi pero’ l-kuntratt finali ta’ xiri u akkwist baqa’ qatt ma sar bejn il-partijiet hawn fuq imsemmija, u għalhekk l-intimat baqa’ qatt ma akkwista l-imsemmi garaxx, filwaqt illi l-effetti legali kollha tal-konvenju msemmija waqgħu.

3. Ili sussegwentement is-soċjeta’ Crane Hire ta’ Kulis Limited ittrasferiet l-imsemmi garaxx lis-soċjeta’ rikorrenti Meander Company Limited, kif jirriżulta mill-kuntratt pubbliku tas-sebgħa (7) ta’ Awissu tas-sena elf disa’ mija ħamsa u disgħin (1995) fl-Atti tan-Nutar Robert Muscat (Dok B).

4. Illi l-intimat Pacifico Bezzina, *una volta* waqgħu l-effetti legali kollha tal-konvenju, baqa’ jokkupa l-garaxx *de quo* mingħajr ebda kunsens u / jew awtoriżżazzjoni da parti tas-soċjeta’ rikorrenti u konsegwentement mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

5. Illi għalkemm interpellat diversi drabi, inkluż permezz ta’ diversi ittri legali kif ukoll permezz ta’ ittra uffiċjali datata 24 ta’ Ġunju 2010 (Dok C) sabiex l-intimat jivvaka mill-fond *de quo*, huwa baqa’ inadempjenti u baqa’ jokkupa l-imsemmi garaxx mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ rikorrenti għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qegħda bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara u tordna illi l-intimat għandu jiżgombra mill-garaxx u l-ġjardina retrostanti u attigwa miegħu bla numru u bl-isem ta’ ‘Mount Carmel’ fi Triq Emanuel Pio de Debono, Naxxar, kif deskritt fil-ftehim tad-19 ta’ Ġunju 1995, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minnha, u dan prevja d-dikjarazzjoni illi l-intimat qiegħed jokkupa l-garaxx mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ġunju 2010 kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lis-soċjeta' rikorrenti, inkluż dik għal kumpens għall-okkupazzjoni illeċita.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' rikorrenti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawża. Wara li semgħet lill-istess konvenut, ipposponiet il-kawża għas-sentenza.

**Illi għalhekk billi t-talba tas-soċjeta' attriċi hija ġustifikata u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'iressaq, tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------